MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru. 323/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**LAWRENCE GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lawrence Galea ta' 52 sena, bin Carmel u Josephine xebba Pantalleresco, imwieled gewwa Vittoriosa, nhar it-18 ta' Awwissu, 1961 u residenti gewwa fond Bini tal-Gvern Block B, Flat 5, Triq Alexander, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 544661(M).

Gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Marzu, 2013, ghall-habta tat-3.30 ta' filghaxija, gewwa l-lokalita' tal-Hamrun:-

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ Pc 595 Jesmond Grech, Wpc 44 Graziella Sciberras u Wpc 46 Angela Vassallo, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li dawn kien qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita’ kompetenti; **Kap 9, Art. 96 (a)**

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Pc 595 Jesmond Grech, Wpc 44 Graziella Sciberras u Wpc 46 Angela Vassallo, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz; **Kap 9, Art. 95 (1)**

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni EAA-642 b’manjiera traskurata, bla kont u perikoluza; **Kap 65, Art. 15**

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta’ natura hafia fuq il-persuna ta’ Wpc 46 Angela Vassallo skond kif iccertifikat Dr. Patrick Galea MD (Reg. 3481) mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid; **Kap 9, Art. 221 (1)**

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika; **Kap 9, Art. 338 (bb)**

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom; **Kap 9, Art. 338 (ee)**

7. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. **Kap 9, Art. 338 (dd)**

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill imsemmi Lawrence Galea milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. RV3 u nnutat li l-imputat Lawrence Galea m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 96(a), 95(1), 221(1), 338(bb), 338(ee) u 338 (dd) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Lawrence Galea, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Lawrence Galea taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Lawrence Galea ghall-piena ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (Ewro 233) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Lawrence Galea

milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Lawrence Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------